**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 3 ta' April, 2025**

**Talba Nru: 36/2024MD**

**Elmo Insurance Limited [C-3500]**

**Vs**

**Jason Cassar [ID numru 0245374M]**

## It-Tribunal,

Ra l-Avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fit-22 ta' Frar, 2024[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi talbet li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma globali ta' tlett elef, mija u ħmistax-il Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżimu (€3,115.85) *in linea* ta' danni, imgħax, spejjeż ġudizzjarji u VAT kif kostretta tagħmel u obbligata tagħmel a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta ta' assikuratur konċernat tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EJS 004 u dan a tenur tal-lodo arbitrali mogħti fl-14 ta' Frar, 2023, kif ukoll l-ispejjeż ġudizzjarji li ġew istitwiti kontra s-soċjeta' attriċi; bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali tat-28 ta' Lulju, 2022 u dawk tal-ittra uffiċjali tal-11 ta' Mejju, 2023 skont l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u bl-imgħax legali b'effett mill-11 ta' Mejju, 2023 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

[1] A fol 1 et seq tal-proċess

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat bl-Avviż, ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher għas-seduti tas-6 ta' Marzu, 2025[2], u tat-18 ta' Marzu, 2025[3].

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mir-rappreżentant legali tas-soċjeta' attriċi fis-seduta tas-6 ta' Marzu, 2025[4] u fil-fatt il-konvenut ma dehrx sabiex jirrispondi għalih għas-seduta tat-18 ta' Marzu, 2025[5].

Sema x-xhieda ta' George Stagno Navarra fil-kariga ta' rapreżentant tal-Qorti tas-soċjeta' attriċi li kkonferma li l-ammont ta' tlett elef, mija u ħmistax-il Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżimu (€3,115.85) għadu dovut[6].

Ra li minkejja li fis-seduta tat-18 ta' Marzu, 2025[7] it-Tribunal ikkonċeda lil konvenut ġimgħatejn sabiex jippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu, naqas milli jagħmel dan.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ħa konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tistħoqq li tkun emmnuta u għalhekk għandha tittieħed bħala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirriżulta kkonfermata mix-xhieda ta' George Stagno Navarra li jindika l-bilanċ globali dovut tlett elef, mija u ħmistax-il Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżimu (€3,115.85) *in linea* ta' danni, imgħax, spejjeż ġudizzjarji u VAT kif kostretta tagħmel u obbligata tagħmel a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta ta' assikuratur konċernat tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EJS 004 u dan a tenur tal-lodo arbitrali mogħti fl-14 ta' Frar, 2023, kif ukoll l-ispejjeż ġudizzjarji li ġew istitwiti kontra s-soċjeta' attriċi.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talbiet attrici billi jordna u jikkundanna lil konvenut iħallas is-somma ta' tlett elef, mija u ħmistax-il Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżimu (€3,115.85), bl-imgħax dekorribbli mill-11 ta' Mejju, 2023[8] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża u tal-ittri uffiċjali datati 28 ta' Lulju, 2022 u 11 ta' Mejju, 2023[9] jitħallsu unikament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

[2] A fol 37 tal-proċess
[3] A fol 39 tal-proċess
[4] A fol 38 tal-proċess
[5] A fol 39 tal-proċess
[6] A fol 40 tal-proċess, xhieda datata 18 ta; Marzu, 2025
[7] A fol 39 tal-proċess
[8] Skont it-talba
[9] Verifiki saru mis-sistema diġitali tal-Qorti